# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 FAX : 21416941


## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 87

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 26 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku (waslet fis-6.25pm)
Massimo Scerri – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet fis-5.25pm peress li kien hemm xi residenti preżenti biex jiddiskutu xi lmenti li kellhom qabel ma bdiet il-laqgħa.

## 87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

87.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 85 u tal-Laqgħa Urġenti Numru 86

87.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Ħamsa u Tmenin Laqgħa u tal-Laqgħa Urġenti Numru 86. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

87.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

87.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Massimo Scerri, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 87.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

87.3.1.1 Para 85.4.2 – *Bus Shelter* fi Triq Kardinal Ferretti
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li ltaqgħet mal-kuntrattur biex tindikalu fejn qed jiġi ssuġġerit li jsir *bus shelter* u kif għandha tkun il-bankina, sabiex ikun jista' jtina stima tax-xogħlijiet.

87.3.1.2 Il-kuntrattur infurmaha li biex issir il-bankina, jkollu bżonn il-pjanta tal-perit li tkun tinkludi l-kejl tal-*bus shelter,* irid ikollu indikazzjoni ta' fejn irid itaqqab minħabba l-*connections* tad-dawl u jrid ikollu indikat fejn ser jagħmel ir-rampa għal *wheelchairs* u *pushchairs.* Il-kuntrattur qalilha wkoll li jista' jkun li l-Kunsill ikun irid japplika ukoll ma' TM peress li qatt ma kien hemm bankina qabel.

87.3.1.3 F'dan ir-rigward, il-*Minority Leader* ser tiltaqa' mal-perit biex tispjegalu dan kollu u jipprepara l-pjanta neċessarja. Il-*Minority Leader* qalet ukoll li jekk issir din il-bankina bil-*bus shelter*, tkun aktar diffiċli li l-karozzi joħorġu minn din it-triq *wrong way.*

87.3.2.1 Para 85.9.21.1 - PA/02240/18
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk bl-iskavar hux ser jintmessu l-bjar u l-oqbra, għax jekk iva, il-Kunsill għandu joġġezzjona. Il-*Minority Leader* tixtieq tkun taf jekk hemmx distanza biżżejjed minn dawn il-bjar u l-oqbra storiċi. Staqsiet ukoll għalfejn intbagħtet ittra mis-Sindku lis-sid, li m'hemmx oġġezzjoni meta l-Kunsilliera ma kienux jafu. Is-Sindku qalet li l-Kunsilliera ma ġewx infurmati bi żball għax is-soltu l-ittri dejjem jintbagħtu għall-attenzjoni tal-Kunsilliera qabel jintbgħatu.

## 87.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

87.4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li rrispondiet is-*SUMP questionnaire* li bagħtulna r-Reġjun Ċentru. Kopja ta' dan intbagħatet lill-Kunsilliera għall-attenzjoni tagħhom.

87.4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bid-dettalji ta' laqgħa li kellha ma' TM dwar il-proġett bit-tema *'Share the Road'* li se jsir f'diversi lokalitajiet madwar Malta, inkluż Ħal Lija.

87.4.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fis-26 ta' April 2019 ser isir il-*launch* tal-ktieb li ser jiġi ppublikat mir-Reġjun Ċentru, fejn il-Kunsilliera li jaqgħu taħt l-istess Reġjun ser jiġu mistiedna.

87.4.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ġbir ta' skart mħallat, kif

ukoll skart organiku. Waqt il-laqgħa, is-Sindku ġiet infurmata li bħala lokalita' morna bl-iskart organiku għax inġabar ammont konsiderevoli. Is-Sindku infurmathom li kemm ilu li nbidel il-kuntrattur Ħal Lija, bil-ħin tal-ġbir wara nofsinhar, mhux qed ikollna lmenti. Qalet ukoll, li dan hu l-aqwa ħin għax jiġi evitat it-traffiku ta' filgħodu. Is-Sindku qaltilhom li l-uniku problema li għandna hi li min joħroġ għax-xogħol filgħodu ma jistax iżomm mal-erba' siegħat stipulati fil-liġi. Huma qalulha li m'għanhomx kontroll fuq infurzar. Qalulha wkoll li għalissa qed jitkellmu mal-Kunsilli kollha.

## 87.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

87.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 87.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

87.6.1.1 ***Budget* 2019**

Il-*Budget* għas-sena Finanzjarja 2019, kif approvati fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru 2018 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

87.6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Salvu Farrugia, li kien issekondat mill-Kunsillier Massimo Scerri, il-*Budget* għas-sena Finanzjarja 2019 ġie approvat unanimament.

<u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2018</u>

87.6.2.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2018. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

87.6.2.2 Fuq proposta tal-*Minority* Leader Lorraine Farrugia, li kienet issekondata mill-Kunsillier Massimo Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

87.6.3.1 <u>*Tender for the Upkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – LLC/03/2018</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Upkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – LLC/03/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

87.6.3.2 Il-Bord tal-Evalwazzjoni qed jirrakkomanda li din l-offerta ma tiġix aċċettata għax l-unika offerta li ġiet sottomessa taqbeż il-baġit b'145%. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

87.6.3.3 Is-Sindku qalet li l-kuntratt preżenti jiskadi fil-31 ta' Marzu 2019, għalhekk qed tissuġġerixxi sakemm terġa' toħroġ sejħa ġdida, jinġiebu 3 kwotazzjonijiet għal dan is-servizz għal żmien 3 xhur. Il-Kunsill unanimament approva u l-kwotazzjonijiet ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

## 87.7 Post ta' Segretarju Eżekuttiv

87.7.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li, wara li ħareġ il-*pool* il-ġdid tas-SE prospettivi, bdiet il-proċess għal-għażla ta` SE ġdid, fejn is-sejħa għal dawk interessati ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Marzu 2019.

87.7.2 Id-Deputat SE infurmat li qabel tagħlaq is-sejħa, il-Kunsill irid jaħtar Bord tal-Għażla. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Bord ikun magħmul mis-Sindku (*chairperson*), il-Viċi Sindku u t-3 Kunsilliera.

87.7.3 Il-Kunsill iddeċieda li l-intervisti għal dawk l-applikanti eliġibbli ser isiru nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2019 mill-5.00pm il' quddiem.

## 87.8 Ftehim dwar Ġbir ta' Skart Riċiklat

87.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-proposti mibgħuta minn Green MT u GreenPak għal kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat. Kopja ta' dawn il-proposti ngħatat lill kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsilliera raw fid-dettal il-proposti mressqa miż-żewġ kumpaniji fejn ġie rrimarkat liż-żewġ huma simili

ħafna.

87.8.2

Il-Kunsill iddiskuta dawn iż-żewġ proposti. Is-Sindku qalet li l-Kunsill minn dejjem kellu l-ftehim mal-GreenPak u s-servizz dejjem ingħata tajjeb u mingħajr problemi. Għalhekk, fuq proposta tas-Sindku Magda Magri Naudi, li
87.8.3 kienet issekondata mill-Kunsillier Massimo Scerri, il-Kunsill unaninimament approva li dan il-kuntratt jerġa' jingħata lil GreenPak.

## *One-Way System* fi Triq Annibale Preca

87.9 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li wara li ntbagħatet *email* lill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan biex ninfurmawhom li ser ikun hemm tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan qed joġġezzjona
87.9.1 għal dan it-tibdil u qed jitlob li ssir laqgħa mas-Sur Michael Cohen (TM). Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard ukoll qed jitolbu li ssir laqgħa qabel ma jsir xi tibdil fid-direzzjoni.

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qalet li ma tarax li hemm bżonn li ssir konsultazzjoni magħhom, għax meta għamlu xi tibdiliet fid-direzzjoni tat-traffiku fejn Ħal Lija kien affetwat, l-ebda konsultazzjoni ma saret.

87.9.2

Is-Sindku qablet mal-*Minority Leader,* iktar u iktar li għandna l-permess maħruġ minn TM. Qalet ukoll lir-residenti ta' Triq Annibale Preca ilhom jitolbu din il-*one-way*.

87.9.3 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament qabel li għandu jipproċedi u li għandhom jitwaħħlu t-tabelli malajr kemm jista' jkun. It-tabelli ser jiġu ordnati minnufih.

87.9.4

## 87.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

87.10.1.1 *Tender for Concrete Imprint Works P/O Preziosi Street Alley 2, Ħal Lija* – LLC/01/2019

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li ġie ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għat-*Tender for Concrete Imprint Works P/O Preziosi Street Alley 2, Ħal Lija* - LLC/01/2019. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

87.10.1.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Id-Deputat SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

**F'dan il-ħin (6.25pm) daħlet il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar għal-laqgħa.**

87.10.2 Avviż għar-residenti ta' Triq Preziosi Sqaq Nru. 2

Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq Preziosi Sqaq Nru. 2 biex ninfurmahom li fiż-żmien qarib ser jibdew ix-xogħlijiet f'parti minn Sqaq nru.2 Triq Preziosi mill-fondi tad-*Development Planning Fund*. Ir-residenti ser jiġu nfurmati wkoll li l-isqaq ma jistax jiġi rranġat kollu għar-raġuni li m'hemmx biżżejjed fondi u li dan ser jiġi kkunsidrat appena ikollna l-fondi neċessarji.

87.10.3.1 Talba biex isiru *double yellow lines* fi Triq Massimiliano Debono

Il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart qed jitlob li jsiru *dyl* fi Triq M. Debono fil-kantuniera kif iddur biex toħroġ għal Triq Ġużeppi Portelli għax ikun hemm karozzi pparkjati u ma jkunx jista' jdur bihom. Il-*Minority Leader* qalet li hemm bżonn ukoll li jsiru *dyl* fil-kantuniera l-oħra.

87.10.3.2 Il-Kunsill unanimament approva u ser issir applikazzjoni ma' TM.

87.10.4.1 Talba biex issir *Keep Clear Bay*

Wara li TM m`approvawx l-applikazzjoni biex la li jsiru il-*bollards* u *white walking line* quddiem ir-residendza tagħha 142, Triq il-Kbira, u lanqas li jsiru l- *parking lines* b'tabella '*Park within the lines'* faċċata, ir-residenta qed titlob li ssir *Keep Clear Bay.*

87.10.4.2 Is-Sindku qalet li r-residenta avviċinatha u qaltilha li ma tixtieqx li jintilef il-*parking.* Il-Kunsill qabel li nitkellmu mar-residenta biex naraw eżatt x'qed titlob biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

87.10.5.1 <u>Talba biex Trejqet Kleriku Ġakbu Abela issir *one-way*</u>
Xi residenti qed jitolbu biex Trejqet Kleriku Ġakbu Abela issir *one-way* biex karozzi ma jidħlux min-naħa ta' Kinds għax il-wisa' tat-triq huwa ta' karozza waħda.

87.10.5.2 Il-Kunsill qal li għandna nibgħatu ittra lill-bdiewa li għandhom l-għalqa f'din it-triq, lir-residenti ta' din it-triq u ta' parti minn Triq il-Kunċizzjoni (mill-mużew il' fuq) biex naraw jekk jaqblux lit-triq tiġi *one-way.* Fl-ittra għandna ntuhom *deadline* sa meta jistgħu jibgħatu r-risposta tagħhom.

87.10.6.1 <u>Talbiet biex jiġu nstallati bozoz ġodda</u>
Residenta qed titlob li tiġi nstallata bozza ġdida fi Triq Salvu Mifsud man-naħa tad-dar tal-għorfa (fil-kantuniera fejn hemm l-għalqa) għax hemm nuqqas ta' dawl.

87.10.6.2 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed titlob li tiġi nstallata bozza ġdida fi Triq il-Maħlut (mal-appartamenti) u s-Sindku qed titlob li tiġi nstallata bozza ġdida fi Triq Karlu Darmanin (fejn hemm il-perit).

Il-Kunsill approva dawn it-talbiet. Ser nitolbu permess mingħand is-sidien tad-djar qabel ma jitwaħħlu l-bozoz.

87.10.6.3

<u>Spakxin tad-drenaġġ imkisser</u>
Fuq il-bankina ta' quddiem dar nru. 67 fi Triq Sant'Andrija hemm spakxin tad-drenaġġ imkisser. Din id-dar ma
87.10.7.1 joqgħod ħadd fiha u għalhekk ma nistgħux ninfurmawhom biex jirranġaw l-ispakxin.

L-ilment ser jgħaddi għand il-pulizija biex eventwalment jiġi identifikat is-sid biex jirranġa l-ispakxin.

87.10.7.2 <u>Restawr tat-Torri tal-Belvedere</u>
Peress lit-Torri tal-Belvedere se jiġi rrestawrat mill-MTA, ġejna nfurmati biex inbattlu l-affarijiet li hemm fih.
87.10.8.1 Hemm xi affarijiet ħżiena bħal bramel vojta taż-żebgħa li huma għar-rimi u xi affarijiet oħra bħal tabelli.

Il-Kunsill unanimament qabel li jiġi mbattal it-torri. L-affarijiet il-ħżiena ser jiġi mormija.

<u>Talba biex issir *U-bar* fi Triq il-Forn</u>
87.10.8.2 Sid il-ħanut tax-xagħar fi Triq il-Forn qed titlob li ssir *U-bar* quddiem il-ħanut tagħha bħal m'hemm quddiem il-mużew tal-bniet imma jsir bir-reklam tagħha.

87.10.9.1

Din it-talba ma ġietx approvata għax m'hemmx fejn issir peress li quddiem il-ħanut it-triq hija dejqa.

<u>Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira</u>
87.10.9.2 Resident qed jitlob li ssir *sleeping policeman* ftit qabel il-garaxx tiegħu nru. 40 fi Triq il-Kbira għax karozzi qed jgħaddu b'veloċita' eċċessiva. Dawn qed joħolqu periklu għal kull min jgħaddi minn hemm, aktar u aktar li TM
87.10.10.1 m'approvawx li ssir *bollard.*

Din it-talba ma ġietx approvata għar-raġuni li fil-futur qarib TM se tibda proġett bit-tema *'Share the Road'* f'diversi lokalitajiet madwar Malta. Ħal Lija se tkun waħda minn dawn il-lokalitajiet li se tieħu sehem f'din l-inizjattiva. Matul dan il-proġett, *CCTV cameras* ser jiġu installati f'diversi akwati biex jimmonitorjaw it-traffiku u
87.10.10.2 sitwazzjonijiet simili. Jekk dan il-proġett jirnexxi ma jkunx hemm bżonn li tiġi nstallata *sleeping policeman.*

<u>Talba għal *double yellow lines* fi Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Residenta qed jitlob biex issiru *dyl* fejn il-*Housing Estate* fi Triq Sir Ugo Mifsud faċċata ta' garaxx nru. 3 għax qed jipparkjaw il-karozzi u jostakolaw l-aċċess.

87.10.11.1 Din it-talba ġiet approvata u ser napplikaw għal permess ma' TM.

<u>Talba biex jerġgħu isiru l-*bollards* fi Triq Giuseppe Cali</u>
Residenta qed titlob li jerġgħu isiru 2 minn 3 *bollards* li kien hemm fi Triq Giuseppe Cali għax qed jipparkjaw il-
87.10.11.2 karozzi fuq id-*dyl* u r-residenti ma jkunux jistgħu jidħlu / joħorġu mill-garaxx.

87.10.12.1 Il-Kunsill approva li jerġgħu isiru l-*bollards.* Din id-darba ser isiru bil-ktajjen minn waħda għall-oħra.

<u>Talba biex jiqsar *single yellow line* fi Triq Annibale Preca</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed titlob li jiqsar is-*syl* li hemm ftit il'fuq minn kif iddur minn Triq San
87.10.12.2 Liċinju b'tali mod li toqgħod karozza.

87.10.13.1 Din it-talba ġiet approvata.

<u>Talba biex issir tabella *'Don't park on culvert'*</u>

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia infurmat lill-Kunsill li resident qed jerġa' jitlob li ssir tabella *'Don't park on*
87.10.13.2 *culvert'* fi Triq Annibale Preca viċin l-ispiżerija. Ftit taż-żmien ilu l-*Minority Leader* flimkien mad-Deputat SE kienu marru fuq il-post, fejn sabu li din it-tabella ma tistax issir u ġie miftiehem li jsiru *reflectors* mal-bankina,
87.10.14.1 pero' r-resident ma jridx.

Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li, jekk jaqbel ir-resident, isiru 2 *reflectors* mal-*poles* taħt il-bankina peress li tabella ma tistax issir.

<u>Talba għal *alighting and boarding* quddiem *childcare centre*</u>

87.10.14.2 Is-sid ta' *childcare centre* li fetħet fi Triq Annibale Preca qed titlob li ssir *alighting and boarding* biex il-ġenituri jkollhom fejn jiefqu meta jwasslu jew jiġbru lit-tfal. Qed tgħid li diġa' ħallsu għal *parking* ma' TM u għandhom l-irċevuta bħala prova.

87.10.15.1

Il-Kunsill innota li quddiem l-entratura diġa' ma jsirx *parking* u għalhekk ġie maqbul li nitolbu lis-sid biex tipprovdi d-dokumentazzjoni ta' x'tip ta' permess ħallset ma' TM u din it-talba terġa' tiġi diskussa.

<u>Kanal tal-ilma fi Triq Salvu Mifsud</u>

87.10.15.2 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed tissuġġerixxi biex fit-tarf ta' Triq Salvu Mifsud k/m Triq Ġużepp Tanti jsir kanal tal-ilma fil-ġenb tat-triq biex ma jibqax iżomm ilma fit-triq imma jmur għal ġo l-għelieqi.

Il-Kunsill unanimament approva.

87.10.16.1

<u>Attivitajiet għal żmien il-vakanzi tal-Għid</u>

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia qed tissuġġerixxi li tiġi organizzata ħarġa għaċ-ċinema, għat-tfal għal żmien il-vakanzi tal-Għid. Is-Sindku ssuġġeriet li jmorru l-Playmobil minflok, biex tkun xi ħaġa differenti, bid-data tentattiva għall-24 ta' April 2019.

87.10.16.2

Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata din l-attivita' u ser jiġi ċċekkjat xi spejjeż ikun hemm involuti.

87.10.17.1

Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk hux se jsir il-kunċert fil-Knisja għal żmien l-Għid. Is-Sindku ser tiċċekkja jekk jistax jiġi organizzat b'*budget* ta' €500.

87.10.17.2 Il-Kunsill qabel u qed tiġi magħżula data tentattiva għas-27 ta' April 2019.

Il-Kunsill qabel li għal dawn l-attivitajiet jiġi mqassam *flyer* fid-djar biex ir-residenti jkunu nfurmati b'dawn l-
87.10.17.3 attivitajiet.

<u>*Compost maker* fil-ġnien</u>

87.10.17.4 Is-Sindku tixtieq li l-*compost maker* li hemm fil-ġnien jibda jintuża u għalhekk ħaxix ħażin li jinqata' għandu jibda jintrema fih.

87.10.17.5

<u>Konfużjoni fejn il-mużew fi Triq il-Forn</u>

Il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar ilmentat li qed ikun hemm konvużjoni sħiħa fejn il-mużew għax karozzi qed
87.10.18 jipparkjaw fin-nofs tat-triq biex iniżżlu u jiġbru t-tfal mill-mużew.

Ser inkellmu lil tal-mużew biex jinfurmaw lill-ġenituri biex ma jibqgħux jipparkjaw fin-nofs għax qed joħolqu konfużjoni.

87.10.19.1

<u>Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA</u>

Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

87.10.19.2 Fuq PA/00817/19, PA/00870/19, PA/00847/19, PA/00871/19, PA/00848/19, PA/01141/19, PA/1240/19 u PA/1424/19, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

87.10.20.1

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

87.10.20.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 2/19 (mehmuża) li tinkludi l-ammont ta' €20.96 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 87.11

87.11.1

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm.

87.11.2

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu 2019 fil-5.00pm.

## 87.12

87.12.1

87.12.2

Konfermati, illum il-Ħamis, 28 ta' Marzu 2019.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv